**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 3**

It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, kien imsiefer fuq xogħol tal-Partit.

Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela* kien skużat.

~~Il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela~~* u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne kienu assenti.

* *Vide Minuti tas-Seduta 9 – 08.07.2026*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 2 li saret fit-22 ta' Ġunju 2026 kienu kkonfermati.

**ĠURAMENT TA' LEALTÀ TA' MEMBRU ĠDID**

Skont ftehim milħuq, fotografu tad-DOI ingħata permess jidħol fil-Kamra sabiex jiġbed ritratti waqt l-għoti tal-ġurament tal-Onor. Janice Abela Chetcuti.

L-Onor. Janice Abela Chetcuti ħadet u ffirmat il-Ġurament ta' Lealtà minn idejn l-Ispeaker skont l-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas Saħħa qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 70 *Annual Work Report - Trends and figures of fertility treatments in Malta for 2025* maħruġ mill-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni, datat Ġunju 2026;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 71 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzzjoni (MCA) għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 72 Avviż Legali Nru 174 tal-2026 - Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa t-22 ta' April 2026 bħala d-data li fiha l-Protocol li jemenda l-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika ta' San Marino dwar taxxi fuq l-income ippubblikat bħala Skeda għall-Avviż Legali 98 tal-2026 għandu jitqies li daħal fis-seħħ;

P.L. 73 Rapport Annwali tal-Mekkaniżmu ta' Stabilità Ewropea (ESM) għas-sena 2025;

P.L. 74 *Board of Auditors' Annual Report to the Board of Governors* tal-Mekkaniżmu ta' Stabilità Ewropea (ESM);

P.L. 75 *ESM Management comments on the Board of Auditors' Annual Report to the Board of Governors* tal-Mekkaniżmu ta' Stabilità Ewropea (ESM) għas-sena 2025;

P.L. 76 Rapport Annwali tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena 2025;

P.L. 77 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 78 Avviż Legali 155 tal-2026 - Ordni tal-2026 dwar Salarju jew Paga Mhux Sekwestrabbli;

f'isem il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 79 Avviż Legali 109 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni);

P.L. 80 Avviż Legali 153 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini;

P.L. 81 Avviż Legali 164 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol;

P.L. 82 Avviż Legali 165 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-Carcinogens, Mutagens jew Reprotoxic Substances fuq il-Post tax-Xogħol;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 83 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 84 Avviż Legali 171 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi;

P.L. 85 Avviż Legali 172 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru 2);

f'isem il-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 86 Avviż Legali 112 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Settur li Jipprovdi Servizzi ta' Sigurtà Privati;

P.L. 87 Avviż Legali 113 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Iskejjel Privati;

P.L. 88 Avviż Legali 114 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Settur li jipprovdi Servizzi Privati ta' Tindif;

P.L. 89 Avviż Legali 115 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għax-Xogħol tal-Istampar u l-Pubblikazzjoni;

P.L. 90 Avviż Legali 116 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-prodotti tal-Karta, Plastiks, Kimiki u Petroleum;

P.L. 91 Avviż Legali 117 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Industrija ta' Oġġetti tal-Ġilda u Żraben;

P.L. 92 Avviż Legali 118 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Kostruzzjoni;

P.L. 93 Avviż Legali 119 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ;

P.L. 94 Avviż Legali 120 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Impjegati tal-Burdnara u l-Industriji Konnessi Magħhom;

P.L. 95 Avviż Legali 121 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industrija tal-Ippreservar;

P.L. 96 Avviż Legali 122 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tax-Xorb;

P.L. 97 Avviż Legali 123 tal-2026 - Ordni tal-2026 biex jirregola l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-Agrikoltura u Industriji Konnessi Magħha;

P.L. 98 Avviż Legali 124 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għax-Xogħol tal-Injam;

P.L. 99 Avviż Legali 125 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut;

| | |
|---|---|
| P.L. 100 | Avviż Legali 126 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Aġenziji tal-Ivvjaġġar u l-Assikurazzjoni; |
| P.L. 101 | Avviż Legali 127 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tat-Tagħmir tat-Trasport, tal-Metall u tal-Industriji relatati magħhom; |
| P.L. 102 | Avviż Legali 128 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar l-Industrija tal-Manifattura tat-Tabakk; |
| P.L. 103 | Avviż Legali 129 tal-2026 – Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tat-Tessuti u għall-Industriji Relatati; |
| P.L. 104 | Avviż Legali 130 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għal Sagristani u Kustodji; |
| P.L. 105 | Avviż Legali 131 tal-2026 - Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja; |
| P.L. 106 | Avviż Legali 132 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Baħħara; |
| P.L. 107 | Avviż Legali 133 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tat-Trasport Pubbliku; |
| P.L. 108 | Avviż Legali 134 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Uffiċċji ta' Professjonijiet; |
| P.L. 109 | Avviż Legali 135 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għal-Laundries; |
| P.L. 110 | Avviż Legali 136 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Ġojjellerija u l-Arloġġi; |
| P.L. 111 | Avviż Legali 137 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għal-Lukandi u l-Każini; |
| P.L. 112 | Avviż Legali 138 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Isptarijiet u l-Kliniki; |
| P.L. 113 | Avviż Legali 139 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar Kiri ta' Karozzi jew Xarabank Privati; |
| P.L. 114 | Avviż Legali 140 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar l-Industriji tal-Manifattura tal-Ikel; |
| P.L. 115 | Avviż Legali 141 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industrija tal-Electronics; |
| P.L. 116 | Avviż Legali 142 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Servizz Domestiku; |

P.L. 117 Avviż Legali 143 tal-2026 - Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għaċ-Ċinematografi u t-Teatri;

P.L. 118 Avviż Legali 144 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali;

P.L. 119 Avviż Legali 145 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur;

P.L. 120 Avviż Legali 147 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg;

P.L. 121 Avviż Legali 173 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 dwar Trasparenza u Rappurtar dwar Paga Ugwali, u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 122 Avviż Legali 159 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA - MOZZJONI 3

Il-Kamra rriżumiet mit-22 ta' Ġunju 2026 id-diskussjoni fuq l-Indirizz b'Risposta għad-Diskors tal-President.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Deo Debattista, l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Michael Piccinino, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Nigel Vella, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Frank Anthony Tabone.

Fis-7.20 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad Diskors tal President ta' Malta | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja informa lill-Kamra li din is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet, il-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol ikun fis-7.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.22 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**